# Kwadru tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida



Mario Fenech

L-artist Malti Emvin Cremona huwa magħruf sew għal numru kbir ta' xogħlijiet li għamel fil-knejjes tagħna matul il-karriera artistika tiegħu.

Fost il-knejjes li fihom hemm bosta xogħlijiet ta' dan l-artist wieħed isemmi l-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, il-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Furjana, il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq u l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida.

F'din il-Knisja ta' San Ġużepp fl-Imsida, Cremona pinġa l-koppla bil-pendenti tagħha, l-arzelel u s-saqaf kollu tal-Knisja.

Fid-daħla tal-kor f'wieħed mill-erba' kwadri li pinġa matul is-sena 1951 fl-età ta' 32 sena hemm il-preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju. Dan huwa suġġett li ma tantx insibuh fil-pitturi fil-knejjes, għaldaqstant meta ġie biex ipinġi dan ix-xogħol, Cremona kellu fejn jesprimi dak li xtaq b'mod oriġinali għall-aħħar.

Xena sabiħa fejn l-għajn ta' dak li jħares lejn il-kwadru tmur fuq ix-xbieha ħelwa tal-Madonna bħala tifla ċkejkna bil-wieqfa quddiem il-qassis il-kbir li qiegħed bilwieqfa quddiem il-purtiera tat-tempju assistit minn tlett irġiel oħra.

Il-figura tal-Madonna hija spejgata mill-artist b'mod dinjituż b'libsa bajdanija u b'dija ħierġa minn madwar rasha filwaqt li qiegħda tħares lejn il-qassis il-kbir b'idejha ma' xulxin.

Fin-nofs tat-tila jidhru Sant'Anna u San Ġwakkin filwaqt li persuna oħra tidher ħdejhom b'idejha 'l fuq turihom lill-qassis il-kbir.

Nies oħrajn jidhru qegħdin jitkellmu bejniethom dwar din it-tifla li mbagħad kellha tkun hi l-magħżula biex tnissel lill-Iben t'Alla fuq din l-art.

Fil-kumplament tat-tila l-artist Cremona pinġa żewġ kolonni kbar b'ċint fuqhom bi tliet statwi ornamentali fuqu xenarju sabiħ ta' madwar it-tempju.

Biex jagħtina x'nifhmu li biex waslu fit-Tempju flimkien mal-Madonna, Sant'Anna u San Ġwakkin kellhom vjaġġ twil, f'parti mill-kwadru tidher ras ta' ħmar li dak iż-żmien kien l-uniku mezz li kellhom biex jivvjaġġaw minn raħal għal ieħor.

Il-kuluri li ġew użati għal din ix-xena huma kemxejn differenti minn dawk xi ftit skuri li s-soltu kien juża l-artist Cremona għal kwadri tiegħu. Dan għamlu biex l-attenzjpni tkun fuq il-figura tal-Madonna. Kwadru mill-isbaħ li jirrakkonta b'mod artistiku dan l-episodju mit-tfulija tal-Madonna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Stardust

Cross Street,
Il-Mellieħa
Tel: 21 571692

Discount on all School bags
Stationery, Haberdashery, Gifts & Cards